

Brussell, 26 ta' April 2022
(OR. fr)

8385/22

AGRILEG 52
VETER 37
DENLEG 30
DELECT 66

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	22 ta' April 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 2430 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 22.4.2022 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Żvediża tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 2430 final.

Mehmuż: C(2022) 2430 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.4.2022
C(2022) 2430 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 22.4.2022

li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Żvediża tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-verżjoni bil-lingwa Żvediża tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630 fiha żball. Sabiex il-verżjoni bil-lingwa Żvediża tiġi allinjata mal-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra, hemm bżonn li jiġi adottat Regolament Delegat li jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2021/630.

2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat jikkoreġi żball tat-traduzzjoni fil-verżjoni bil-lingwa Żvediża tat-test.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 22.4.2022

li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Żvediża tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 48(h) u l-Artikolu 77(1)(k) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjoni bil-lingwa Żvediża tal-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630² fiha żball fit-tabella, fir-ringiela għall-entrata "ex 2106", kolonna (2) "Spjegazzjoni", li tbiddel is-sustanza tat-test.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Żvediża tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630 tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

¹ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630 tas-16 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 17).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22.4.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN